MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Numru 8/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Louis Fenech**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta’ Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-23 ta' Mejju 2002 kontra l-imsemmi Louis Fenech li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt

liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

Rat il-verdett tal-gurati ta' l-20 ta' Ottubru 2004 li bih b'seba' voti favur u tnejn kontra sabu lill-imsemmi Louis Fenech mhux hati skond l-att ta' akkuza izda hati li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Claire Fenech li kkagunat debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem izda b'dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu;

Rat is-sentenza moghtija fil-21 ta' Ottubru 2004 mill-Qorti Kriminali li permezz taghha kkundannat lil Louis Fenech ghall-piena ta' tliet snin prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perijodu kollu li huwa qatta' taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz u kkundannatu wkoll ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' seba' mija u tlieta u disghin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmi (Lm793.42) rapprezentanti l-ispejjez kollha tal-perizji inkorsi tul il-kumpilazzjoni, u dana bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll ordnat il-konfiska ta' l-arma ossia senter uzat fl-isparatura u tal-munizzjon (skratac) esebiti, u dan wara li kkunsidrat hekk:

"Semghet fl-udjenza tal-bierah, 20 t'Ottubru 2004 it-trattazzjoni dwar il-piena maghmula mill-Avukat Difensur Dott. Emanuel Mallia ghall-hati u s-sottomissjonijiet tal-Parte Civile maghmula mill-Avukat Dottor Michael Sciriha kif ukoll mill-Assistent Avukjat Generali tar-Repubblika, Dottor Stephen Tonna Lowell;

Rat il-fedina penali netta tal-hati;

Hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet **kollha** tad-difiza dwar il-piena (li jinsabu registrati) u inkluzi - izda mhux biss - is-segwenti:- li mart il-hati hafritlu meta xehdet f'dan il-guri; li l-hati ghandu fedina penali assolutament netta bla l-icken kontravvenzjoni; li hu impjegat

regolarment u l-employers tieghu huma kuntenti bih; li ghandu tifel ta' disa' (9) snin li hu kollox ghall-hati; li l-verdett tal-gurati kien juri li hu ma kellux l-intenzjoni li joqtol lil martu; li minn dak iz-zmien 'l hawn hu biegh id-dar matrimonjali u mar jghix mal-ġenituri tieghu u m'ghandux relazzjonijiet ohra. Inoltre wasal f'kuntratt ta' separazzjoni ma' martu fejn hi, apparti li rceviet sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, irceviet ukoll somma kbira u konsiderevoli ta' eluf ta' liri bhala rizarciment tad-danni li sofriet minhabba dan l-incident u li hu jhallas parti kbira mill-manteniment ta' ibnu li kien il-vera vittma ta' dan il-kaz u li baqa' trawmatizzat b'dak li gara u aktar ser jigi trawmatizzat jekk missieru ser jintbaghat il-habs;

Id-difiza kompliet tissottometti li dan kien kaz familjari sfortunat u izolat fil-hajja tieghu fejn kien hemm cirkostanzi partikolari li wasslu ghalih. Il-hati kien dejjem ghix ghall-familja u ma kienx xi persuna kriminali u fiz-zmien l-incident kien ghaddej mit-trawma tal-prejokkupazzjoni bil-kondizzjoni ta' sahhtu. Illi ghalkemm l-element tad-deterrent kien importanti, f'dan il-kaz is-socjeta` ma kienet ser tiehu xejn billi l-Qorti taghmel ezempju bil-hati. Illi mill-bidu nett tad-difiza tieghu, il-hati accetta li kien spara hu u li b'hekk kien ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq martu. Hu kkontesta l-akkuza ta' tentattiv t'omicidju u l-gurija tatu ragun f'dan. Ghalhekk kien il-kaz li l-Qorti turi hniena u klemenza mieghu;

Qieset dak li ssottometta Dr. Michael Sciriha ghall-parti civili Claire Fenech, fejn ikkonferma li l-klijenta tieghu kienet hafret lill-hati; li hi kienet thallset minghand il-hati s-somma ta' Lm21,000 bhala rizarciment tad-danni li sofriet fl-incident apparti li hadet sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti u li kienet qed tircievi kontribuzzjoni mill-hati ghall-manteniment ta' binha. Iddikjara wkoll li hi ma riditx vendetta u ma tixtieqx li binha u bin il-hati jigi aktar trawmatizzat b'sentenza ta' habs fuq missieru;

Qieset li l-prosekuzzjoni in vista tad-dikjarazzjoni tal-parte civile rrimettiet ruhha ghall-gudizzju tal-Qorti fir-rigward tal-piena;

Qieset iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventive in konnessjoni ma’ dan il-kaz;

Qieset ukoll li l-verdett tal-gurati kien wiehed ta’ seba’ (7) kontra tnejn (2);

Qieset li skond l-artikoli 218 u 222 tal-Kodici Kriminali, il-piena ghall-ferita gravi kommessa fuq il-persuna tal-mara tal-hati, bl-iskuzanti fuq imsemmija fil-verdett skond l-artikoli 227(c), 230(b) u 232(a), iggib minimu ta’ tmien xhur u ghaxart ijem prigunerija u massimu ta’ tmien snin prigunerija;

Qieset ukoll il-gravita` tar-reat li wassal biex il-vittma Claire Fenech sofriet feriti gravi ta natura permanenti u l-mod kif twettaq id-delitt u li dan ir-reat mhux rinunzjabbli mill-parti leza kif ukoll li f’socjeta` civili ma jistax jigi tollerat u kondonat agir fejn konjugi jispara arma tan-nar fuq il-konjugi l-iehor minhabba dissidji matrimonjali, ikunu kemm ikunu difficli r-relazzjonijiet bejn il-mizzewgin;

Qieset dak li gie ritenut fis-sentenza Ingliza ta’ **Bancroft** (1981) [3 Cr. App. R. (S) 119] citata b’approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kawza **‘Ir-Repubbklika ta’ Malta vs Francis sive Cikku Farrugia’** [3.10.2003] u minn din il-Qorti fis-sentenza **‘Ir-Repubbklika ta’ Malta vs Francis Buhagiar’** [5.11.2003] konfermata fl-appell [24.9.2004]:-

**‘…notwithstanding that a man’s reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control, there is still in every human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for. That must be the justification for passing a sentence of imprisonment, to recognize that there is still left some degree of culpability…’ (ara Jeremy Horder: ‘Provocation and Responsibility’ (OUP, 1992 p. 120)).’”**

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Louis Fenechipprezentat fil-5 ta’ Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza

appellata, billi tikkonfermaha kwantu gie dikjarat mhux hati skond l-att ta’ akkuza u tirrevokaha kwantu sabitu hati li kkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ martu li kkagunat debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi part tal-gisem jew gabet difett permanenti f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem, izda b’dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh, illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu, u tissostitwixxi minflok dikjarazzjoni ta’ htija fil-konfront tieghu talli kkaguna offiza ta’ natura gravi li setghet iggib perikolu tal-hajja, jew tad-debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew ta’ xi difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem, jew li kienet maghmula b’ferita li tidhol f’wahda mill-kavitajiet tal-gisem, minghajr ma ggib l-ebda wahda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, u/jew li gabet marda tal-gisem li damet ghal tletin jum jew izjed biex tfiq, inkella, ghal daqshekk zmien, zammitha milli tmur ghax-xoghol taghha, b’dan li din l-offiza gravi hi skuzabbli ghaliex hu agixxa taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu, u f’kull sens li tvarja s-sentenza inflitta billi din il-Qorti tghaddi biex tinfliggi piena anqas skond il-ligi jew ghal piena ohra li tiddeciedi din l-istess Qorti skond il-ligi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa principalment limitat ghall-kwistjoni jekk f’dan il-kaz l-offiza fuq il-persuna hijiex wahda kontemplata fl-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali jew dik taht l-artikolu 218 ta’ l-istess Kodici. L-appellant mhuwiex jikkontesta li din l-offiza saret fuq il-persuna ta’ martu a tenur ta’ l-artikolu 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali u li l-offiza gravi saret b’arma regolari a tenur ta’ l-artikolu 217 ta’ l-istess Kodici. Izda jikkontendi li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi b’hekk li

kien hemm irregolarita` matul il-kawza li kellu effett fuq il-verdett, u dan bil-hatra li ghamlet tal-Professur Lino Cutajar bhala espert mediku sabiex jezamina lil Claire Fenech. L-appellant jelabora fuq dan l-aggravju tieghu hekk:

“... il-fondatezza ta’ dan l-aggravju tinsab fil-kliem stess ta’ l-Imhallef sedenti fl-indirizz tieghu lill-gurija. Huwa, abbilment u korrettement, spjega lis-sinjuri gurati illi huma la riedu jaghmluha ta’ prosekuturi u lanqas l-avukati difensuri.

Spjegalhom illi bhala kull Imhallef huma, bhala imhallfin tal-fatt, ma kellhomx jippruvaw isibu jew ifittxu provi godda, izda kellhom jistriehu fuq il-provi kif migjuba mill-partijiet. Dan hu, fil-fatt, dak li l-Qorti fil-hatra tal-perit, ghamlet. Bir-rispett, il-Qorti ma kellhiex hi tipprova ssib il-provi meta l-provi ma ngabux mill-parti l-ohra....

L-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat ili kienet qieghda tahtar dan il-perit peress illi hija kellha l-obbligu illi fl-indirizz taghha tispjega lill-gurati d-distinzjoni bejn l-Artikolu 216 u l-Artikolu 218. Bir-rispett kollu, dan ma kienx necessarju. Il-Qorti anticipat mhux biss l-istadju ta’ meta jinghalqu l-provi, izda anke l-istadju tad-dibattitu. Mill-provi ma kienet tirrizulta l-ebda cirkostanza li twassal ghall-ispjegazzjoni ta’ l-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega ghal tali spjegazzjoni, jew li l-Qorti tidhol f’din il-materja. Dan il-fatt irreka pregudizzju lid-difiza, minhabba li d-difiza ma kinitx edotta minn dawn il-fatti u allura ma setghetx tikkontrolla dawn il-fatti godda billi tipproduci xhieda sabiex tikkontrasta kull allegazzjoni ta’ debulizza jew difett permanenti. Per ezempju, il-Professur Cutajar spjega kif Claire Fenech jista’ jkollha xi debulizza permanenti fil-funzjoni ta’ saqajha minhabba illi meta tibqa’ wieqfa ghal tul ta’zmien jew tkun qed issuq, tghejja. Sussegwentement wara l-verdett id-difiza saret taf illi Claire Fenech recentement xtrat karrozza u ma kinitx ‘automatic’, kif ukoll li taghmel mixjiet twal. Dan jikkontrasta bis-shih it-test soggettiv ta’ l-ghajja.

Ghandu jigi ukoll rilevat illi l-prosekuzzjoni kellha kull opportunita` illi ggib xhieda biex taghmel il-prova dwar jekk l-offiza taqax taht l-Artikolu 218. Skond il-prosekuzzjoni fir-replika taghha, dan ma ghamlitux ghaliex hija tirritjeni li dan hu kaz ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u m'ghandhiex ghalfejn tidhol f'ebda konsiderazzjoni ta' xi delitt li hu kompriz u involut.

Il-Qorti mhux biss hatret lil dan il-perit, izda anke fil-mori tal-kaz ippermettiet illi jigu esebiti n-notamenti ta' l-isptar li ma kinux redatti jew miktuba minnu. Dan jamonta ghal 'hearsay evidence' peress li l-perit qieghed jistrieh fuq dokumenti li pprepara haddiehor.

Ghandu jigi notat illi l-Qorti fl-ebda hin ma qalet li qed taghmel dan kollu a tenur ta' l-Artikolu 436(3)(c). Fl-umli fehma ta' l-esponenti, il-Qorti kienet korretta peress illi dak li ordnat li jsir ma kienx mehtieg ghat-tikxif tal-verita` u f'kull sens id-diskrezzjoni taghha ma hix tali illi fejn ma hemmx il-prova taghmel id-domandi biex tfittixha hi."

Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u minnhom jirrizulta li waqt l-istruttorja l-uniku tabib li l-prosekuzzjoni kienet ipproduciet biex jixhed dwar l-offizi li garrbet Claire Fenech kien it-tabib Dr. Edward Despott li xehed fil-11 ta' Mejju 2001 - u dan minbarra l-konstatazzjonijiet li ghamel l-espert medico/legali Dr. Mario Scerri. Huwa xehed dwar l-interventi li saru sabiex tigi salvata hajjet l-imsemmija Claire Fenech. Qal: "Bhala team ta' risuxxitazzjoni jiena ma kontx l-unika wiehed. Kien hemm hafna tobba ohrajn. Kelli rwol pero` li nikteb in-noti tal-kaz kif fil-fatt ghamilt. Iddokumentajt kollox." Fl-istadju tal-guri it-Tabib Despott kien imsiefer u ghaldaqstant inqrat id-deposizzjoni tieghu – dan kien fit-18 ta' Ottubru 2004. Aktar tard fl-istess gurnata bdiet tixhed Claire Fenech u wara li giet sospiza d-deposizzjoni taghha sar is-segwenti verbal:

"Id-difiza tiddikjara li filwaqt li ma tikkontestax li mir-rizultanzi hemm l-estremi tal-Artikolu 216 bl-aggravju ta' l-Artikolu 217, tikkontesta htija tar-reat taht l-Artikolu 218 u dana bl-eventwalita` li l-gurati ma jsibux htija skond l-Att ta' l-Akkuza izda ta' reat kompriz u involut.

Dr. Tonna Lowell bla pregudizzju ghall-akkuza kif dedotta jissottometti li f'kaz li tirrizulta ferita gravi biss din tkun dik taht l-Artikolu 218."

Wara li sar dan il-verbal, l-ewwel Qorti ghaddiet biex taghti s-segwenti digriet:

**"Il-Qorti:**

**Peress li Dr. Edward Despott li hu msiefer ma setax jixhed u jirrispondi ghad-domandi li riedet tindirizzalu l-Qorti fir-rigward tal-feriti sofferti minn Claire Fenech u dana f'kaz li jkollha tindirizza l-gurati fuq reati komprizi u inoluti kif x'aktarx – jekk mhux necessarjament – ser ikollha taghmel f'dan il-kaz;**

**U peress illi fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja u ghat-tikxif tal-verita` anki in vista tad-deposizzoni ta' Claire Fenech fis-seduta tallum dwar in-natura tal-feriti li garrbet, thoss illi hija mehtiega n-nomina ta' espert kirurgu biex jirrelata verbalment fis-seduta ta' ghada 19 ta' Ottubru, 2004 dwar in-natura tal-feriti riportati minn Claire Fenech u senjatament jekk dawn jistghux jaqghu taht l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminal biss jew inkella kemm taht l-Artikolu 216 kif ukoll taht l-Artikolu 218;**

**U wara li rat l-artikoli 436, 440(5), 650 sa 657 tal-Kap. 9;**

**Tinnomina ghal dan l-oggett lill-kirurgu Prof. Dr. Carmel sive Lino Cutajar biex wara li jezamina r-records ta' l-Isptar tal-pazjenta – jekk dan hu possibbli – u wara li jezamina klinikament ghada filghodu qabel is-seduta lill-istess Claire Fenech jirrelata dwar il-kweziti fuq imsemmija."**

Minn dan id-digriet huwa evidenti li, kuntrarjament ghal dak li rritjena l-appellant, l-ewwel Qorti ghamlet referenza esplicita ghall-artikolu 436 tal-Kodici Kriminali - forsi minghajr ma semmiet is-subartikolu applikabbli vera,

imma fid-digriet taghha ghamlet referenza ghall-htiega tat-"tikxif tal-verita`", frazi li nsibu sewwasew fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu 436. Il-parti rilevanti ta' dan is-subartikolu effettivament jiddisponi li jmiss lill-Qorti Kriminali **"li taghmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-ligi taht piena ta' nullita`, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni taghha, li hu mehtieg ghat-tikxif tal-verita`"**.

L-ewwel Qorti ghamlet referenza wkoll ghas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 440 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi testwalment hekk: **"Izda, jekk matul il-kawza jinstab li hu mehtieg jew utili li jinstema' xi xhud, jew li wiehed ikollu taht ghajnejh dokument jew oggett li ma jkunx inghata fin-nota minn ebda wahda mill-partijiet, il-qorti tista' *ex officio* tordna li jissejjah ix-xhud u li tittiehed ix-xiehda tieghu, jew li jingieb id-dokument jew l-oggett mhux imsemmi fin-nota"**. F'dan il-kaz ix-xhud li riedet tisma' l-ewwel Qorti kien l-espert kirurgu l-Professur Lino Cutajar li nnominat hija stess bl-iskop li jigi determinat jekk l-offiza jew offizi li garrbet Claire Fenech kinux ta' natura gravi jew ta' natura gravissima, cioe` jekk kellhomx jigu klassifikati taht l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali jew taht l-artikolu 218. Korrettement ukoll, in vista tal-fatt li l-ewwel Qorti kienet awtorizzat lill-imsemmi Professur Cutajar jezamina r-*records* ta' l-Isptar, wara li d-difiza giet mistoqsija jekk ghandhiex bzonn li tali *records* jigu esebiti u wiegbet "Tara l-Qorti", il-prosekuzzjoni talbet li dawn jigu esebiti *animo ritirandi* sabiex id-difiza jkollha l-opportunita` tezaminahom jekk ikollha bzonn, u l-ewwel Qorti laqghet din it-talba.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi tal-kaz, bil-vittma li kienet ghadha kemm xehdet dwar l-offizi li garrbet u l-konsegwenzi taghhom u bl-assenza minn Malta ta' l-uniku tabib li kien ingab mill-prosekuzzjoni biex jixhed dwar tali offizi - ghalkemm mhux necessarjament kien ikun f'pozizzjoni li jixhed dwar il-kondizzjoni attwali taghha jekk ma baqax isegwiha - bid-decizjoni li hadet l-ewwel Qorti ma kkommettiet l-ebda irregolarita` u wisq anqas xi irregolarita` materjali. Id-difiza kellha kull dritt li tikkontro-ezamina lill-imsemmi espert, kif fil-fatt ghamlet, u kellha

kull opportunita` li tezamina r-*records* esebiti u tirregola ruhha kif kien jidhrilha mehtieg. Wara kollox anke l-espert medico/legali Dr. Mario Scerri kien ra l-*medical history file* ta' Claire Fenech (kif jghid fir-relazzjoni tieghu stess) u sahansitra annetta mar-relazzjoni tieghu kopji tal-X-rays mehudin lill-istess Claire Fenech.

Konsegwentement dan l-aggravju huwa michud.

L-appellant jilmenta wkoll li l-provi moghtija mill-Professur Cutajar ma jammontawx ghal dak kontemplat fl-Artikolu 218(1)(a). Il-gurija, jghid l-appellant, ma rawx in-natura tal-feriti tal-offiza u setghu gew zgwidati mill-istess perit meta 1. Semma' l-kelma sfregju meta din fil-fatt ma ghandha l-ebda konnotazzjoni legali peress illi kien qed jitkellem ghal qatgha li hemm fil-'groin' u fis-sieq, 2. tkellem dwar nuqqas ta' sensazzjoni fil-parti genitali minghajr ma qal jekk dan ezaminahx hu stess, u 3. ghar-rigward il-funzjoni tas-sieq ma ghamel l-ebda testijiet dwar dak li kienet qed tghidlu l-pazjenta. Ghalhekk l-appellant isostni li ma hemmx il-prova fil-grad rikjest fil-ligi, u kwindi ma kellux jinstab hati taht l-artikolu 218 imma taht l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti tosserva li ghalkemm l-imsemmi espert semma' l-kelma sfregju fil-bidu tax-xiehda tieghu, l-ewwel Qorti mill-ewwel osservat li "sfregju ma jidholx f'dan il-kaz ghax qed nitkellmu fuq iz-zaqq jew il-parti ta' fuq tal-koxxa u l-parti tas-sieq minn wara, jigifieri hawn mhix kwistjoni ta' sfregju". L-istess perit tkellem dwar in-nuqqas ta' sensazzjoni fil-parti genitali ta' Claire Fenech b'rizultat ta' ezami dettaljat li huwa ghamel - dan jixhdu hu stess meta qal "u meta ezaminajtha aktar fid-dettal sibt li taht din il-ferita n-naha ta' gewwa tal-koxxa u n-naha ta' barra tal-parti privata taghha ghandha nuqqas ta' sensation". Dwar is-sieq, dak li seta' jezamina klinikament l-espert kien dwar ix-xokkijiet li Claire Fenech ilmentat minnhom meta tmiss in-naha ta' wara ta' l-irkobba tax-xellug. L-imsemmi espert imbaghad elenka dak li huwa sejjah id-difetti principali li seta' jikkonstata hekk:

"L-ewwel haga ha nibda minn fuq ghal isfel, ghandha dawn ic-cikatrici li huma estensivi hafna fiz-zaqq, partikolarment fil-parti tal-left groin. Dawn huma vizibbli hafna u jiehdu parti sewwa min-naha ta' isfel taz-zaqq. Jigifieri fuq il-parti nghidulha l-left groin ghandha nuqqas ta' sensazzjoni f'dik il-parti u tahtha, jigifieri fin-naha tal-koxxa u n-naha ta' barra ta' l-parti privata taghha li jindika li hemm difett permanenti fin-nerv li jghaddi minn taht dik ic-cikatrici li probabbilment kien damaged originarjament. Issa meta ninzlu aktar 'l isfel ghandha nefha permanenti f'sieqha tax-xellug u ghandha sensazzjoni esagerata, dik li nghidulha hypersensitivity fin-naha ta' wara ta' l-irkobba tax-xellug u wkoll hemmhekk fl-istess parti ghandha cikatrici estensiva hafna li tehdilha l-parti kollha ta' l-irkobba tax-xellug u titla' 'l fuq u tinzel 'l isfel fil-koxxa u fis-sieq."

Din il-Qorti tixtieq hawn tosserva li sabiex issir prova skond il-ligi u sal-grad li trid il-ligi ta' offiza fuq il-persuna, mhuwiex essenzjali li jkun hemm dejjem u f'kull kaz certifikat mediku jew deposizzjoni ta' tabib. Naturalment tali certifikat jew deposizzjoni jistghu jkunu mehtiega biex jigi determinat jekk verament kienx hemm offiza fuq il-persuna u/jew it-tip jew natura ta' dik l-offiza. Fi kliem iehor, tali prova tista' tirrizulta *aliunde* minghajr il-htiega li bil-fors jigi prodott espert mediku jew certifikat mediku f'kull kaz bhal dak in ezami. Fil-kaz in ezami Claire Fenech xehdet pjuttost fid-dettall dwar l-offizi li garrbet (b'dan li ma semmietx in-nuqqas ta' sensazzjoni fil-parti privata taghha), l-interventi li sarulha u l-kura li kellha tiehu. Dik ix-xiehda ukoll twassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-appellant instab hati tajjeb, cioe` taht l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Wara kollox is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu jiddisponi: **"Id-debbulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem, u l-marda tal-mohh, l-isfregju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Ix-xiehda tal-Professur Lino Cutajar tikkonferma dan.

Fl-ahharnett l-appellant jilmenta li, tenut kont li l-minimu tal-piena kienet ta' tmien xhur u ghaxart ijiem, il-piena

nflitta, tenut kont ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tista' tkun anqas minn dik li nghatat.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat.

Fil-kaz in ezami, il-piena nflitta mill-ewwel Qorti, mhux biss hi fil-parametri tal-ligi izda hi aktar lejn il-minimu. Inoltre giet imposta mill-ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha relevanti u, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti kkunsidrat dak kollu li kien hemm x'jigi kkunsidrat meta ghaddiet biex tistabilixxi l-piena. Fil-fatt bhala regola, atti ta' vjolenza fuq il-persuna ghandhom iwasslu ghall-piena ta' prigunerija b'effett immedjat. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------